REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1975

tat-12 ta' Novembru 2021

li jawtorizza t-tqegħid fis-suq tal-forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tal-*Locusta migratoria* bħala ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar ikel ġdid, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 258/97 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1852/2001 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 12 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2015/2283 jipprevedi li huwa biss l-ikel ġdid awtorizzat u inkluż fil-lista tal-Unjoni li jista' jitqiegħed fis-suq fl-Unjoni.

(2) Ġie adottat ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 ([2]) li jistabbilixxi lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(3) Fit-28 ta' Diċembru 2018, il-kumpanija Fair Insects BV ("l-applikant") ippreżentat applikazzjoni lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 10(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283 biex tqiegħed il-forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab (miżħun) tal-*Locusta migratoria* (ġurat tal-passa) fis-suq tal-Unjoni bħala ikel ġdid. L-applikant talab biex il-forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tal-*Locusta migratoria* jintużaw fil-forma ta' snack, u bħala ingredjent tal-ikel f'għadd ta' prodotti alimentari għall-popolazzjoni ġenerali.

(4) L-applikant għamel ukoll talba lill-Kummissjoni għall-protezzjoni ta' *data* proprjetarja xjentifika għal għadd ta' *data* ppreżentata b'appoġġ għall-applikazzjoni, jiġifieri d-deskrizzjoni tal-proċess tal-produzzjoni ([3]), id-*data* analitika dwar il-kompożizzjoni ([4]), id-*data* analitika dwar il-kontaminanti ([5]), l-istabbiltà u l-istatus mikrobijoloġiku, id-*data* dwar il-bejgħ tal-ikel ġdid ([6]), il-valutazzjoni tal-konsum ([7]), id-diġestibbiltà tal-proteina u l-Punteġġ tal-Amminoaċidi Indispensabbli Diġestibbli ([8]), it-testijiet tas-solubbiltà u tal-isterilità fuq il-*Locusta migratoria* mnixxfa li twettqu qabel saru l-istudji dwar il-ġenotossiċità li indikaw li l-ebda ttestjar tal-ġenotossiċità ma kien possibbli ([9]), u l-istudju dwar iċ-ċitotossiċità ([10]).

(5) F'konformità mal-Artikolu 10(3) tar-Regolament (UE) 2015/2283, fid-9 ta' Lulju 2019, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità"), u talbitha tagħti opinjoni xjentifika abbażi ta' valutazzjoni tas-sikurezza tal-forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tal-*Locusta migratoria* bħala ikel ġdid.

([1]) ĠU L 327, 11.12.2015, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2470 tal-20 ta' Diċembru 2017 li jistabbilixxi l-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid skont ir-Regolament (UE) 2015/2283 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ikel ġdid (ĠU L 351, 30.12.2017, p. 72).

([3]) Fair Insects BV. 2019 (mhux ippubblikat).

([4]) Fair Insects BV. 2019 (mhux ippubblikat).

([5]) Fair Insects BV. 2019 (mhux ippubblikat).

([6]) Fair Insects BV. 2018 (mhux ippubblikat).

([7]) Fair Insects BV. 2019 (mhux ippubblikat).

([8]) Fair Insects BV. Digestibility of protein from *Locusta migratoria* during transit through the dynamic *in vitro* gastrointestinal model. Study report V21246/01 (mhux ippubblikat, 2018).

([9]) Fair Insects BV. Solubility and sterility test on dried *Locusta migratoria* prior to the genotoxicity studies (mhux ippubblikat, 2018).

([10]) Fair Insects BV. Cellular toxicity of aqueous extracts from *Locusta migratoria* (mhux ippubblikat, 2018).

(6) Fil-25 ta' Mejju 2021, l-Awtorità adottat opinjoni xjentifika dwar is-sikurezza tal-forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tal-*Locusta migratoria* bħala ikel ġdid ([11]), f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(7) Fl-opinjoni tagħha, l-Awtorità kkonkludiet li l-forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tal-*Locusta migratoria* huma sikuri skont l-użi u l-livelli tal-użu proposti. Għaldaqstant, l-opinjoni tal-Awtorità tagħti biżżejjed raġunijiet biex jiġi stabbilit li l-forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tal-*Locusta migratoria* fil-kundizzjonijiet tal-użu vvalidati, jikkonformaw mal-Artikolu 12(1) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(8) F'dik l-opinjoni, abbażi ta' evidenza limitata ppubblikata dwar l-allerġiji tal-ikel relatati mal-insetti b'mod ġenerali, li rabtet b'mod ekwivoku l-konsum tal-*Locusta migratoria* ma' għadd ta' eventi tal-anafilassi, u abbażi ta' evidenza li turi li l-*Locusta migratoria* fih għadd ta' proteini potenzjalment allerġeniċi, l-Awtorità kkonkludiet ukoll li l-konsum ta' dan l-ikel ġdid jista' jikkawża s-sensitizzazzjoni għall-proteini tal-*Locusta migratoria*. L-Awtorità rrakkomandat ukoll li titwettaq aktar riċerka dwar l-allerġeniċità tal-*Locusta migratoria*.

(9) Sabiex tindirizza r-rakkomandazzjoni tal-Awtorità, il-Kummissjoni bħalissa qed tesplora l-modi biex twettaq ir-riċerka meħtieġa dwar l-allerġeniċità tal-*Locusta migratoria*. Sakemm id-*data* ġġenerata mir-riċerka tiġi vvalutata mill-Awtorità, u meta jitqies li, skont id-*data* disponibbli għall-industrija tal-insetti, sal-lum ġew irrapportati biss ftit każijiet ta' allerġiji kkawżati mil-*Locusta migratoria* ([12]), u li l-evidenza dwar il-potenzjal ta' allerġeniċità assoċjat mal-konsum tal-*Locusta migratoria* hija ekwivoka, il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li fil-lista tal-Unjoni tal-ikel ġdid awtorizzat ma jiġi inkluż l-ebda rekwiżit speċifiku tat-tikkettar li jikkonċerna l-potenzjal li l-*Locusta migratoria* jikkawża sensitizzazzjoni primarja.

(10) Fl-opinjoni tagħha, l-Awtorità qieset ukoll li l-konsum tal-forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tal-*Locusta migratoria*, jista' jikkawża reazzjonijiet allerġiċi lil persuni li huma allerġiċi għall-krustaċji, il-molluski u l-akaridi. Barra minn hekk, l-Awtorità nnutat li jista' jkun hemm allerġeni addizzjonali li jispiċċaw fl-ikel ġdid, jekk tali allerġeni jkunu preżenti fis-substrat mitmugħ lill-insetti. Għalhekk, huwa xieraq li l-forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tal-*Locusta migratoria* li jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-konsumatur bħala tali, u l-ikel li jkun fih dawn il-forom, ikunu ttikkettati kif xieraq skont ir-rekwiżiti f'konformità mal-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(11) Fl-opinjoni tagħha, l-Awtorità nnutat li l-konklużjoni tagħha dwar is-sikurezza tal-ikel ġdid kienet abbażi ta' għadd ta' *data* ppreżentata b'appoġġ għall-applikazzjoni, jiġifieri id-deskrizzjoni tal-proċess ta' produzzjoni, id-*data* analitika dwar il-kompożizzjoni, id-*data* analitika dwar il-kontaminanti, l-istabbiltà u l-istatus mikrobijoloġiku, id-*data* dwar il-bejgħ tal-ikel ġdid, il-valutazzjoni tal-konsum, id-diġestibbiltà tal-proteini u l-Punteġġ tal-Amminoaċidi Indispensabbli Diġestibbli, it-testijiet tas-solubbiltà u tal-isterilità fuq il-*Locusta migratoria* mnixxfa li twettqu qabel saru l-istudji dwar il-ġenotossiċità li indikaw li l-ebda ttestjar tal-ġenotossiċità ma kien possibbli, u l-istudju dwar iċ-ċitotossiċità. Innutat ukoll li ma setgħetx tasal għal din il-konklużjoni mingħajr id-*data* mir-rapporti mhux ippubblikati ta' dawk l-istudji li jinsabu fil-fajl tal-applikant.

(12) Il-Kummissjoni talbet lill-applikant biex jiċċara aktar il-ġustifikazzjoni pprovduta fir-rigward tal-pretensjoni proprjetarja tiegħu fuq dawk l-istudji u biex jiċċara t-talba tiegħu għal dritt esklużiv ta' referenza għal dik id-*data*, kif imsemmi fl-Artikolu 26(2)(b) tar-Regolament (UE) 2015/2283.

(13) L-applikant iddikjara li kellu dritt proprjetarju u esklużiv ta' referenza għad-deskrizzjoni tal-proċess ta' produzzjoni, id-*data* analitika dwar il-kompożizzjoni, id-*data* analitika dwar il-kontaminanti, l-istabbiltà u l-istatus mikrobijoloġiku, id-*data* dwar il-bejgħ ta' ikel ġdid, il-valutazzjoni tal-konsum u d-*data* dwar id-diġestibbiltà tal-proteini u l-Punteġġ tal-Amminoaċidi Indispensabbli Diġestibbli, it-testijiet tas-solubbiltà u tal-isterilità fuq il-*Locusta migratoria* mnixxfa li twettqu qabel ma saru l-istudji dwar il-ġenotossiċità li indikaw li l-ebda ttestjar tal-ġenotossiċità ma kien possibbli, u l-istudju dwar iċ-ċitotossiċità, u għalhekk, il-partijiet terzi ma jistgħux jużaw jew jirreferu għal dawk l-istudji b'mod legali.

([11]) Safety of frozen and dried formulations from migratory locust (*Locusta migratoria*) as a novel food pursuant to Regulation (EU) 2015/2283; *EFSA Journal* 2021;19(7):6667.

([12]) Il-*Locusta migratoria* jitqiegħed fis-suq f'għadd ta' Stati Membri skont il-miżuri tranżizzjonali stipulati fl-Artikolu 35(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283. Skont l-applikant, il-ġradijiet imnixxfa u ffriżati ilhom jinbiegħu fis-suq Olandiż mill-2016.

(14) Il-Kummissjoni vvalutat l-informazzjoni kollha li pprovdielha l-applikant u kienet tal-fehma li l-applikant issostanzja biżżejjed it-twettiq tar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 26(2) tar-Regolament (UE) 2015/2283. Għalhekk, jenħtieġ li l-istudji speċifiċi dwar id-deskrizzjoni tal-proċess ta' produzzjoni, id-*data* analitika dwar il-kompożizzjoni, id-*data* analitika dwar il-kontaminanti, l-istabbiltà u l-istatus mikrobijoloġiku, id-*data* dwar il-bejgħ ta' ikel ġdid, il-valutazzjoni tal-konsum, id-diġestibbiltà tal-proteini u l-Punteġġ tal-Amminoaċidi Indispensabbli Diġestibbli, it-testijiet tas-solubbiltà u tal-isterilità fuq il-*Locusta migratoria* mnixxfa li twettqu qabel ma saru l-istudji dwar il-ġenotossiċità li indikaw li l-ebda ttestjar tal-ġenotossiċità ma kien possibbli, u l-istudju dwar iċ-ċitotossiċità, li hemm fil-fajl tal-applikazzjoni li abbażi tagħha l-Awtorità tat il-konklużjoni tagħha dwar is-sikurezza tal-ikel ġdid u li mingħajrha l-ikel ġdid ma setax jiġi vvalutat, ma jintużawx għall-benefiċċju ta' xi applikant sussegwenti għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għaldaqstant, jenħtieġ li l-applikant biss ikun awtorizzat iqiegħed forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tal-*Locusta migratoria* fis-suq fl-Unjoni matul dak il-perjodu.

(15) Madankollu, ir-restrizzjoni tal-awtorizzazzjoni ta' forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tal-*Locusta migratoria* u tar-referenza għall-istudji li jinsabu fil-fajl tal-applikant għall-użu uniku tal-applikant, ma twaqqafx applikanti oħra milli japplikaw għal awtorizzazzjoni biex iqiegħdu fis-suq l-istess ikel ġdid, diment li l-applikazzjoni tagħhom tissejjes fuq informazzjoni miksuba legalment li tkun tappoġġa tali awtorizzazzjoni.

(16) Għaldaqstant jenħtieġ li l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 jiġi emendat skont dan.

(17) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tal-*Locusta migratoria* kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament għandhom jiġu inklużi fil-lista tal-Unjoni ta' ikel ġdid awtorizzat stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470.

2. Għal perjodu ta' ħames snin mill-5 ta' Diċembru 2021, l-applikant oriġinali biss,

Kumpanija: Fair Insects BV;

Indirizz: Industriestraat 3, 5107 NC Dongen, in-Netherlands,

huwa awtorizzat li jqiegħed fis-suq fl-Unjoni l-ikel ġdid imsemmi fil-paragrafu 1, sakemm xi applikant sussegwenti ma jiksibx awtorizzazzjoni għall-ikel ġdid mingħajr referenza għad-*data* protetta skont l-Artikolu 2 jew bi qbil ma' Fair Insects BV.

3. L-entrata fil-lista tal-Unjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tinkludi l-kundizzjonijiet tal-użu u r-rekwiżiti tat-tikkettar stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Id-*data* li hemm fil-fajl tal-applikazzjoni li abbażi tagħha l-Awtorità vvalutat l-ikel ġdid imsemmi fl-Artikolu 1, li l-applikant iddikjara li huwa l-proprjetarju tagħha, u li mingħajrha l-ikel ġdid ma setax jiġi awtorizzat, ma għandhiex tintuża għall-benefiċċju ta' xi applikant sussegwenti għal perjodu ta' ħames snin [mill-5 ta' Diċembru 2021 mingħajr il-qbil ta' Fair Insects BV.

Artikolu 3

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Novembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2470 huwa emendat kif ġej:

(1) fit-Tabella 1 (Ikel ġdid awtorizzat), tiddaħħal l-entrata li ġejja:

Ikel ġdid awtorizzat	**Kundizzjonijiet li fihom jista' jintuża l-ikel ġdid**			**Rekwiżiti tat-tikkettar speċifiċi addizzjonali**	**Rekwiżiti oħrajn**	**Protezzjoni tad-*data***
	Kategorija tal-ikel speċifikat	**Livelli massimi (g/100 g) (kummerċjalizzati bħala tali jew rikostitwiti skont l-istruzzjonijiet)**				
		Iffriżat	**Imnixxef jew Trab**			
"Forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tal-*Locusta migratoria* (ġurat tal-passa)	Forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tal-*Locusta migratoria*			1. Id-denominazzjoni tal-ikel ġdid fuq it-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom minn dan l-ikel, għandha tkun '*Locusta migratoria* (ġurat tal-passa) iffriżat', '*Locusta migratoria* (ġurat tal-passa) imnixxef/trab', 'Trab tal-'*Locusta migratoria* (ġurat tal-passa) sħiħ' skont il-forma użata. 2. It-tikkettar tal-oġġetti tal-ikel li fihom il-forom iffriżati, imnixxfa jew tat-trab tal-*Locusta migratoria* (ġurat tal-passa) għandu jkollu dikjarazzjoni li dan l-ingredjent jista' jikkawża reazzjonijiet allerġiċi lill-konsumaturi b'allerġiji magħrufa għall-krustaċji, għall-molluski u għall-prodotti tagħhom, kif ukoll għall-akari. Din id-dikjarazzjoni għandha tkun qrib il-lista tal-ingredjenti.		Awtorizzata nhar il-5.12.2021. Din l-inklużjoni tissejjes fuq evidenza xjentifika u *data* xjentifika proprjetarja protetta f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2015/2283. Applikant: Fair Insects BV, Industriestraat 3, 5107 NC Dongen, in-Netherlands. Matul il-perjodu tal-protezzjoni tad-*data*, l-ikel ġdid ikun awtorizzat għat-tqegħid fis-suq fl-Unjoni minn Fair Insects BV biss, sakemm xi applikant sussegwenti ma jiksibx awtorizzazzjoni għal dak l-ikel ġdid mingħajr referenza għall-evidenza xjentifika jew għad-*data* xjentifika proprjetarja protetta f'konformità mal-Artikolu 26 tar-Regolament (UE) 2015/2283 jew bi qbil ma' Fair Insects BV. Id-data ta' tmiem il-protezzjoni tad-*data*: 5.12.2026"
	Prodotti tal-patata pproċessati; platti bbażati fuq il-legumi u prodotti bbażati fuq l-għaġin	15	5			
	Analogi tal-laħam	80	50			
	Sopop u sopop ikkonċentrati	15	5			
	Legumi u ħxejjex fil-laned/ vażetti	20	15			
	Insalati	15	5			
	Xarbiet li jixbhu lill-birer, Taħlitiet ta' xorb alkoħoliku	2	2			
	~~Ħ~~elu taċ-ċikkulata	30	10			
	Ġewż, żrieragħ żejtnin u ċiċri		20			
	Prodotti ffriżati tal-ħalib iffermentat	15	5			
	Zalzett	30	10			

(2) fit-Tabella 2 (Speċifikazzjonijiet), tiddaħħal l-entrata li ġejja:

<table>
<tr><th>Ikel Ġdid Awtorizzat</th><th>Speċifikazzjonijiet</th></tr>
<tr><td>“Forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tal-Locusta migratoria (ġurat tal-passa)</td><td>
Deskrizzjoni/Definizzjoni:
L-ikel ġdid jikkonsisti fil-forom iffriżati, imnixxfa u tat-trab tal-ġurat tal-passa. It-terminu “ġurat tal-passa” jirreferi għall-fażi adulta tal-Locusta migratoria, speċi ta’ insett li jappartjeni għall-familja Acrididae (is-subfamilja tal-Locustinae).
L-ikel ġdid huwa maħsub li jiġi kkummerċjalizzat fi tliet forom differenti, jiġifieri: (i) Il-L. Migratoria pproċessat termalment u ffriżat (LM iffriżat); (ii) il-L.Migratoria pproċessat termalment u lijofilizzat (LM imnixxef), u (iii) l-L. Migratoria pproċessat termalment, lijofilizzat u mitħun sħiħ (trab tal-LM sħiħ). Il-LM imnixxef jista’ jitqiegħed fis-suq bħala tali jew fi trab.
Għal-LM iffriżat u l-LM imnixxef, iridu jitneħħew is-saqajn u l-ġwienaħ biex jitnaqqas ir-riskju tal-konstipazzjoni intestinali li tista’ possibbilment tiġi kkawżata bl-inġestjoni tal-ispini l-kbar fuq it-tibja tal-insetti. It-trab tal-LM sħiħ jinkiseb permezz tat-thin mekkaniku tal-insett bis-saqajn u l-ġwienaħ, u t-tgħarbil biex id-daqs tal-partikoli jitnaqqas għal inqas minn millimetru.
Jeħtieġ perjodu minimu ta’ 24 siegħa ta’ sawm qabel ma l-insetti jinqatlu permezz tal-iffriżar, sabiex jingħata ċans li l-adulti jbattlu l-kontenut tal-imsaren tagħhom.
<table>
<tr><th>Parametri</th><th>LM iffriżat</th><th>LM imnixxef</th><th>Trab tal-LM sħiħ</th></tr>
<tr><td colspan="4">Karatteristiċi/Kompożizzjoni</td></tr>
<tr><td>Irmied (% w/w)</td><td>0,6–1,0</td><td>2,0–3,1</td><td>1,8–1,9</td></tr>
<tr><td>Indewwa (% w/w)</td><td>67–73</td><td>≤ 5</td><td>≤ 5</td></tr>
<tr><td>Proteina mhux raffinata (N × 6,25) (% w/w)</td><td>11–21</td><td>43–53</td><td>50–60</td></tr>
<tr><td>Xaħam (% w/w)</td><td>7–13</td><td>31–41</td><td>31–41</td></tr>
<tr><td>Aċidi grassi saturati (% xaħam)</td><td>35–43</td><td>35–43</td><td>35–43</td></tr>
<tr><td>Karboidrati diġeribbli (% w/w)</td><td>0,1–2,0</td><td>0,1–2,0</td><td>1,0–3,5</td></tr>
<tr><td>(*)Fibra (% w/w)</td><td>1,5–3,5</td><td>5,5–9,0</td><td>5,5–9,0</td></tr>
<tr><td>Kitina (% w/w)</td><td>1,7–2,4</td><td>6,4–10,4</td><td>10,5–13,9</td></tr>
<tr><td>Valur tal-perossidu (Meq O_2/kg xaħam)</td><td>≤ 5</td><td>≤ 5</td><td>≤ 5</td></tr>
<tr><td colspan="4">Kontaminanti</td></tr>
<tr><td>Ċomb (mg/kg)</td><td>≤ 0,07</td><td>≤ 0,07</td><td>≤ 0,07</td></tr>
<tr><td>Kadmju (mg/kg)</td><td>≤ 0,05</td><td>≤ 0,05</td><td>≤ 0,05</td></tr>
</table>
</td></tr>
</table>

Aflatossini (Is-somma ta' B1, B2, G1, G2) (µg/kg)	≤ 4	≤ 4	≤ 4	
Aflatossina B1 (µg/kg)	≤ 2	≤ 2	≤ 2	
Deossinivalenol (µg/kg)	≤ 200	≤ 200	≤ 200	
Okratossina A (µg/kg)	≤ 1	≤ 1	≤ 1	
Is-somma tad-diossini u tal-PCB simili għad-diossini UB ((**)WHO_{2005} PCDD/F-PCB-TEQ) (pg/g xaħam)	≤ 1,2	≤ 1,2	≤ 1,2	
Kriterji mikrobijoloġiċi				
Għadd totali tal-kolonji aerobiċi ((***) UJK/g)	≤ 10^5	≤ 10^5	≤ 10^5	
Enterobacteriaceae (test preżuntiv) (UJK/g)	≤ 100	≤ 100	≤ 100	
Escherichia coli (UJK/g)	≤ 50	≤ 50	≤ 50	
Listeria monocytogenes	Mhux individwata f'25 g	Mhux individwata f'25 g	Mhux individwata f'25 g	
Salmonella spp.	Mhux individwata f'25 g	Mhux individwata f'25 g	Mhux individwata f'25 g	
Bacillus cereus (test preżuntiv) (UJK/g)	≤ 100	≤ 100	≤ 100	
Staphylococci koagulaża-pożittivi (UJK/g)	≤ 100	≤ 100	≤ 100	
Anaerobi li jirriduċu s-sulfit (UJK/g)	≤ 30	≤ 30	≤ 30	
Ħmira u moffa (UJK/g)	≤ 100	≤ 100	≤ 100	

(*) Il-fibra tista' ma tinkludix il-kitina minħabba metodi analitiċi differenti.

(**) Is-somma ta' livell superjuri tal-poliklorodibenżo-p-diossini (PCDD)-poliklorodibenżofurani (PCDF) u tal-poliklorobifenili simili għad-diossini (PCB) espressa bħala l-ekwivalenti tossiku tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (bl-użu tal-WHO-TEF tal-2005)).

(***) UJK: unitajiet li jifformaw il-kolonji".